MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 13/2004

**Montaldo Insurance Agency Litd bħala aġenti u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Steven Muscat u l-istess Steven Muscat**
**Vs**
**Geoffrey Ciantar**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fil-5 ta' Jannar, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 214.67 (mitejn u erbatax-il Lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmu) dovuti in kwantu għas-somma ta' Lm185.92 (mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu) bħala danni kkaġunati b'inċident stradali fit-12 ta' Marzu, 2003 ġo l-Imsida.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

L-atturi jitolbu li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-atturi, is-somma ta' Lm 214.67 (mitejn u erbatax-il Lira Maltija u seba' u sittin ċenteżmu) dovuti in kwantu għas-somma ta' Lm185.92 (mija u ħamsa u tmenin lira Maltija u tnejn u disgħin ċenteżmu) bħala danni kkaġjonati fil-vettura ta' Steven Muscat, Lm11.50 (ħdax il-lira Maltija u ħamsin ċenteżmu) prezz ta' survey u Lm17.25 (sbatax-il lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmu) kwantu għal tlett ijiem telf ta' użu tal-vettura XRP 106, u dan b'riżultat ta' l-inċident stradali li seħħ fit-12 ta' Marzu, 2003 ġewwa l-Imsida, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura BAI 368 ta' propjeta' tiegħu stess u daħal ġol-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni XRP 106, propjeta' ta' l-attur Steven Muscat u misjuqa minn Claudine Muscat għall-liema nċident kien unikament responsabbli l-konvenut Geoffrey Ciantar, kawża ta' mprudenza, negliġenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali preżentta kontestwalment ma' dawn il-proċeduri u bl-imgħaxijiet legali sid-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Ra l-verbal tat-23 ta' Frar, 2004 fejn il-konvenut iddikjara li kien qed jikkontesta l-quantum tad-danni u mhux ir-responsabbilita'.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi, bil-preżenti proċeduri l-konvenut ma huwiex jikkontesta r-responsabbilita' izda skond l-istatazzjoni tiegħu hija debitata għal kwantum tad-danni.

Illi l-konvenut jallega li d-daqqa kienet minima u ma kienx hemm dik l-entita' li qed jikkontendu li kien hemm l-atturi bħala ħsara fil-bumper tal-karozza, propjeta' ta' l-attur u assigurata mas-soċjeta' attriċi.

Illi, s-surveyor ta' l-Insurance xehed li n-neċessitajiet u riparazzjoni u bdil ta' parts li kien hemm sussegwenti

għall-ħabta. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-panel beater u l-isprayer li għamlu x-xogħol. Huwa l-oneru ta' min jallega illi jrid jipprova l-allegazzjoni tiegħu u dana kif ritenut minn ġurisprudenza kostanti fuq bilanċ ta' probabilitajiet u mhux possibilitajiet. Da parti tiegħu l-konvenut qed jallega illi ma kienx hemm in-neċessita' ta' din l-ispiża kollha. L-ispiża qegħda dik li kontestata l-aktar fuq il-bdil o meno tal-bumper. Il-konvenut jallega illi dan il-bumper ma kellux għala jinbidel, pero' sia s-surveyor u sia l-panel beater ma humiex ta' l-istess konvinzjoni. Il-konvenut, da parti tiegħu jallega ulterjorment illi kien hemm diversi daqqiet oħra fuq il-bumper li ma kienux hemm fl-ewwel ħabta. L-allegazzjoni ġiet miċħuda mill-persuni nvoluti. Una volta illi l-konvenut għamel tant oppożizzjoni rigward l-ispża nvoluta, kien fid-dover tiegħu illi mhux imur waħdu biss għand il-panel beater ta' l-atturi, iżda jieħu wkoll miegħu persuna li tifhem fl-istess xogħol, u huwa akkordat lilha li taqla' l-istess bumper u dan l-istess bumper jiġi eżaminat minn nies minnu nkarigati f'dan il-għan sabiex jiġi nvistat billi jsir eżami iktuopoli mingħajr ma jinqala' u jiġi sottopost għal investigazzjoni ulterjuri ma jwassalx biex it-Tribunal jiġi konvint illi ma kienx hemm neċessita' li jinbidel l-istess bumper.

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi l-atturi laħqu l-att tal-prova fir-rigward ta' l-ispejjeż li kellhom isiru u n-neċessitajiet tal-bdil tal-bumper u jakkorda l-istess talba. It-Tribunal ġia ddeċieda previa tas-soluzzjoni ta' responsabbilita' għall-kolliżjoni da parti tal-konvenut u jikkundannah iħallas is-somma ta' mitejn u erbatax-il lira Maltija u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm214.27) bl-ispejjeż u nteressi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------